## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Numru 1157/2018 MS wara l-ittra uffiċċjali bin-numru 1605/2017 fl-ismijiet:*

**Automated Revenue Management Services Limited f'isimha propju u għan-nom tal-Enemalta Plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma**

**Vs.**

**H.P. Cole Limited**

Illum, 15 ta' Lulju, 2024

Kawża Numru: 7

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors preżentat mir-rikorrenti fil-21 ta' Novembru, 2018, li bih wara li ppremettiet dan li ġej:

> Illi l-esponenti qed tirrespingi l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet imressqa fl-imsemmija ittra ufficjali bhala totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet hawn taht imsemmija:-

> Qabel xejn l-imsemmija ittra ufficjali hija irrita u nulla stante illi ma tissodisfax ir-rekwizit legali ta' din il-procedura specjali hekk kif stipulat fl-istess artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li tiddikjara ix-xorta tad-debitu. Fil-fatt waqt illi id-dikjarazzjoni tghid illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut imbaghad tonqos illi tiddikjara x-xorta ta' l-istess u minflok tghaddi biex taghti deskrizzjoni generika u vaga ghall-ahhar. Tasal anke biex tghid illi l-istess ammont jinkludi ukoll imghax, minghajr ma tiddistingwi s-sorte mill-imghax u fl-ahharnett sahansitra anke taghmel riserva "ghall-hlas ta' imghax".
>
> Fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti kollha pretizi mis-socjeta mittenti huma preskritti.
>
> Fi kwalunkwe kaz u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretizi ma humiex dovuti.
>
> Illi ghalhekk permezz ta' dan ir-rikors l-esponenti qed tressaq l-oppozizzjoni tagħha u dana ai termini ta' l-istess artikolu 466 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

l-istess rikorrenti għaddiet biex titlob lil din il-Qorti jogħġobha: «*tiddikjara it-talba imressqa fl-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija bhala wahda infondata bl-ispejjez kollha kontra l-istess socjeta mittenti minn issa ingunta in subizzjoni*».

2. Rat ir-risposta preżentata mill-intimata fil-kwalità tagħha fuq ċitata fit-30 ta' Jannar 2019[1], li permezz tagħha ġie eċċepit hekk:

> 1. Illi s-Socjeta' Automated Revenue Management Services Limited pro et noe hija kreditrici tas-Socjeta' rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' tlieta u ghoxrin elf, tliet mija u hamsa u disghin Ewro u hamsa u hamsin centezmu (€23,395.55) rapprezentanti konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meters tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut skont il-ligi relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-ittra ufficjali bin-numru 1605/2017, u ghalhekk l-ammont huwa dovut mis-Socjeta' rikorrenti;
>
> 2. Illi, fir-rigward tal-eccezzjoni tal-irritwalita' u n-nullita, is-Socjeta' esponenti tirrileva li l-ittra ufficjali taghti dawk

[1] A fol.4.

id-dettalji mehtiega skont il-Ligi rigward in-natura tad-dejn, u għalhekk ma tistax tigi ddikjarata nulla, kif donnha qeghda titlob is-Socjeta rikorrenti. Provi aktar fid-dettal rigward ix-xorta tad-debitu u kull dokument mehtieg u mitlub sabiex tigi ppruvata t-talba tal-esponenti ser ikunu mressqin waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors;

3. Illi, nonostante dak eccepit mis-Socjeta' rikorrenti fir-rigward tal-eccezzjoni tal- preskrizzjoni, is-Socjeta' esponenti umilment tirrileva li din ghandha tigi michuda stante z-zewg kontijiet bin-numri 101000054075 u 101000066701 indikati fl-ittra ufficjali promotorja ghadhom attivi u per konsegwenza ghandhom johorgu l-kontijiet;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont indikat fl-ittra ufficjali bin-numru 1605/2017 huwa dovut, jekk mhux fl-intier tieghu ghallinqas in parte mis-Socjeta' rikorrenti versu s-Socjeta' esponenti u dan kif se jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

5. Illi, għandu jigi nnutat ukoll li kien gie ffirmat ftehim mas-Socjeta' esponenti mis-Sur Kenward Cole ghan-nom tas-Socjeta' H.P Cole Limited rigward hlasijiet mensili ghal arretrati fuq il-kont bin-numru 011593050 (illum 101000066701), liema ftehim qed jigi anness u mmarkat bhala 'DOK NB1';

Għaldaqstant b'rizerva għal kull prova oħra kif ikun meħtieġ li tingieb, bil-permess ta' din il-Qorti, s-Socjeta' esponenti titlob li din l-istess Qorti tichad it-talba tas-Socjeta' rikorrenti bħala mingħajr bażi fil-fatt u fid-dritt u tiddikjara l-ittra uffiċċjali numru 1605/2017 ppreżentata ai termini tal-Art. 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, hija reza ezekuttiva kontra r-rikorrenti.

3. Rat illi fl-udjenza tal-31 ta' Jannar, 2019[2], id-difensur tar-rikorrenti ppreċiża li l-preskrizzjoni sollevata kienet dik maħsuba fl-artikolu 2156(f) u (g) tal-Kodiċi Ċivili;

4. Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Ġunju, 2019[3], id-difensur tar-rikorrenti ddikjara li l-preskrizzjoni eċċepita kienet dik taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

[2] Ara fol.7.
[3] Ara fol.47.

5. Rat in-nota preżentata fit-12 t'April, 2024[4], li permezz tagħha r-rikorrenti ammettiet it-talba tal-intimata biss fl-ammonti u fiż-żminijiet hemmhekk indikati;

6. Rat in-nota preżentata fl-istess jum[5], li permezz tagħha r-rikorrenti ddikjarat mill-ġdid li għall-finijiet tal-eċċezzjoni minnha sollevata dwar preskrizzjoni tiddikjara illi din hija bażata fuq l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

7. Semgħet ix-xhieda prodotta wara li l-kawża ġiet riassenjata lilha, u rat ix-xiehda prodotta qabel dik ir-riassenjazzjoni, kif ukoll id-dokumenti kollha eżebiti u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

8. Semgħet it-trattazzjoni magħmula mid-difensuri tal-kontendenti;

9. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

10. Illi l-fatti ta' dan il-każ jistgħu jiġu riassunti kif ġej.

11. Ir-rikorrenti kellha żewġ kontijiet mal-intimata. L-ewwel kont kellu n-numru 010699770 u kien jirreferi għall-fond magħruf bħala "Store B" f'Xatt Lascaris, Valletta. Dan il-kont ġie eventwalment rinumerat 101000054075. It-tieni kont kellu n-numru 011593050 u jirreferi għall-fond bin-numru ħamsa u sittin (65) bl-isem H.P. Cole Ltd fi Triq ix-Xatt, Pietà, u ġie rinumerat 101000066701[6].

12. Fit-2 ta' April 2009, ir-rikorrenti daħlet fi ftehim mal-Korporazzjoni Enemalta rigward il-kont numru 011593050 li bih intrabtet li tħallas l-ammont indikat permezz ta' ħlas inizjali ta' €1,900, u permezz ta' ħames ħlasijiet mensili ta' €1,500[7]. Mill-provi prodotti, jirriżulta li l-aħħar pagament li sar fuq dan il-ftehim kien fit-30 ta' Lulju 2009, u fit-12 ta' Frar 2010, il-provvista tal-elettriku nqatgħet[8].

---

[4] Ara fol.120.
[5] Ara fol.121.
[6] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Reuben Bonnici, a fol.17.
[7] Ara fol.10.
[8] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Reuben Bonnici, a fol.18.

13. Fir-rigward tal-kont l-ieħor, u ċjoè dak riferibbli għall-fond f'Xatt Lascaris, irriżulta li l-aħħar pagament li sar fuq dan il-kont sar fit-30 ta' Mejju 1994. Fid-19 t'Awwissu 2004 kien sar aġġustament fuq il-kont u l-provvista tal-elettriku nqatgħet fl-10 ta' Marzu 2011[9].

14. Fit-12 ta' Mejju 2010 ġiet preżentata ittra uffiċċjali kontra r-rikorrenti, li però ma ġiet qatt notifikata[10].

15. Fis-27 t'April 2017, l-intimata fil-kwalitajiet tagħha fuq premessi ressqet ittra uffiċċjali bin-numru 1605/2017 ai termini tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li biha nterpellat lir-rikorrenti għall-ħlas tas-somma kumplessiva ta' €23,395.55, liema ammont ġie mfisser bħala «*ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum ta' ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imgħax dovut fuq l-Ammont skont il-liġi, liema Ammont jikkonsisti mis-segwenti: I. In kwantu l-kont numru 101000054075 l-ammont ta' tmint'elef, mitt ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€8,100.89) relatat mal-fond bl-indirizz Store B, Xatt Lascaris, Valletta; u II. In kwantu l-kont numru 101000066701 l-ammont ta' ħmistax-il elf, mitejn u erbgħa u disgħin ewro u sitta u sittin ċenteżmu (€15,294.66) relatat mal-fond bl-indirizz 65, H.P. Cole Ltd, Triq ix-Xatt, Pietà*». L-ammonti ndikati f'din l-ittra uffiċċjali ġew konfermati mill-ġdid waqt is-smigħ ta' dawn il-proċeduri[11].

16. Fil-21 ta' Novembru 2018 sar ir-rikors li minnu nibtu dawn il-proċeduri.

Ikkunsidrat:

17. Illi huma tnejn ir-raġunijiet miġjuba mir-rikorrenti in kontestazzjoni tal-pretensjonijiet tal-intimata. L-ewwel raġuni tirrigwarda l-validità formali tal-ittra uffiċċjali li l-intimata preżentat skont l-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. It-tieni raġuni tistrieħ fuq il-preskrizzjoni estintiva.

---

[9] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Reuben Bonnici, a fol.18.
[10] Kopja eżebita a fol.50.
[11] Ara x-xiehda bl-affidavit ta' Reuben Bonnici, a fol.17.

18. Nibdew billi nqisu l-ewwel raġuni.

19. Illi l-artikolu 466(1), li abbażi tiegħu saret l-ittra uffiċċjali li għaliha qed topponi r-rikorrenti permezz tal-proċedura odjerna, jgħid hekk:

> Meta kap ta' dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rappreżentanza legali ta' korp magħqud stabbilit bil-liġi jew b'rappreżentanza legali ta' xi kumpannija jew korp ieħor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taħt kull liġi, sabiex jiġbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, ikun irid jaġixxi sabiex jinġabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi uffiċċju amministrattiv tiegħu jew lil korp magħqud stabbilit bil-liġi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, ċens, pizijiet oħra fuq beni, kumpens għall-okkupazzjoni u jew għal dritt ta' xi liċenza jew dritt jew taxxa oħra dovuti, huwa jista' jagħmel dikjarazzjoni tiegħu maħlufa quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li fiha huwa għandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut:
>
> Iżda d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ukoll japplikaw fir-rigward ta' ammonti dovuti għall-provdiment ta' ilma u elettriku u għall-kiri ta' meters relatati iżda ma għandhomx japplikaw meta qabel ma tingħata n-notifika meħtieġa taħt is-subartikolu (2), il-persuna li mingħandha l-ammont qed jiġi mitlub tkun avżat lir-rikorrent sew permezz ta' att ġudizzjarju jew permezz ta' ittra reġistrata li qiegħda tikkontesta l-metering, il-kalkolu jew l-ammont dovut fir-rigward ta' dak il-provdiment jew il-kiri ta' dak il-meter.

20. Eżaminata l-ittra uffiċċjali bin-numru 1605/2017, il-Qorti ma jidhrilix li din hija nieqsa minn xi partikolarità li teżiġi l-liġi b'mod li twassal għan-nullità tagħha, kif qed tippretendi r-rikorrenti. Kull ma trid il-liġi huwa li l-kreditur jagħmel dikjarazzjoni li tinħalef minnu quddiem ir-reġistratur, imħallef jew maġistrat li biha jiddikjara (i) xi tkun ix-xorta tad-debitu, (ii) l-isem tad-debitur u (iii) li d-debitu jkun dovut. Dawn il-ħtiġiet ġew ilkoll sodisfatti fil-każ odjern, u għalhekk l-ewwel raġuni dedotta mir-rikorrenti mhux se tiġi milqugħa.

21. Biex jingħad kollox, waqt it-trattazzjoni tal-għeluq id-difensur tar-rikorrenti m'aċċennax għal din ir-raġuni dedotta fir-rikors promotur, u l-insistenza fit-trattazzjoni kienet tirrigwarda għal kollox it-tieni raġuni dedotta mir-rikorrenti, li se tiġi eżaminata permezz tal-paragrafi li ġejjin.

Ikkunsidrat:

22. Għalkemm fir-rikors promotur, ir-rikorrenti naqset milli tindika d-dispożizzjoni tal-liġi li taħtha kienet qed tikkomina l-preskrizzjoni, din l-indikazzjoni saret diversi drabi waqt is-smigħ tal-kawża, u huwa evidenti li l-preskrizzjoni eċċepita hija dik taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

23. Mhux kontestat bejn il-kontendenti li l-preskrizzjoni eċċepita hija applikabbli għall-kreditu pretiż mill-intimata, kif lanqas ma huwa kontestat li l-parti l-kbira mill-ammont reklamat sar dovut ferm qabel il-perijodu ta' ħames snin qabel ma saret l-ittra uffiċċjali li xprunat il-proċeduri odjerni.

24. L-ittra uffiċċjali li saret mill-intimata fl-2010 hija rrilevanti billi qatt ma ġiet notifikata lir-rikorrenti.

25. Il-preskrizzjoni eċċepita hija waħda minn dawk li għalihom jgħodd l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, li fl-ewwel subinċiż tiegħu jipprovdi: «*Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa*».

26. Fid-deċiżjoni ***Bank of Valletta plc vs. Renald Camilleri*** (Appell Superjuri, 5/3/2024) ġie miżmum hekk:

> L-artikolu 2160(1) tal-Kap. 16 li hu l-artikolu rilevanti għall-kwistjoni għamel tibdila radikali għal sitwazzjoni pre eżistenti fejn il-jedd tal-attur li jagħti l-gurament deċiżorju lill-konvenut inbidel għal obbligu impost fuq il-konvenut li jekk irid jinvoka l-preskrizzjoni tal-artikolu 2156 kellu jiġi maqgħud mal-ġurament waqt il-kawża li huwa mhux debitur. Il-liġi ma telaborax fuq il-forma li għandu jieħu l-

> gurament u ghalhekk jitqies li debitur jottempera ruħu ma' dak li trid il-ligi b'dikjarazzjoni ġuramentata sempliċi u xotta li hu mhux debitur tal-attur. Il-Qorti tqis illi dikjarazzjoni xotta minn kull raġuni jew spjegazjoni jew dikjarazzjoni ġuramentata li fiha tingħata raġuni għaliex mhux debitur anki jekk ma tkunx sostanżjata ma twassalx biex tnaqqas mill-konsegwenzi tal-ligi. Il-liġi ma ssemmi xejn u l-Qorti hi tal-fehma illi dak li għandu jittieħed kont hu jekk ir-raġuni mogħtija, jekk tingħata, tmurx għal rinunżja tal-preskrizzjoni eċċepita.

27. Illi d-direttur tar-rikorrenti xehed fl-udjenza tat-12 t'April 2024[12]. Waqt id-depożizzjoni tiegħu, huwa xehed li r-rikorrenti mhux debitur tal-ammont ta' €18,977.67. Fl-istess udjenza, r-rikorrenti ammettiet parti mill-ammont reklamat mill-intimata bl-ittra uffiċċjali bin-numru 1605/2017. Waqt il-kontro-eżami li sarlu fl-istess udjenza, mistoqsi għaliex ir-rikorrenti mhux debitriċi fl-ammont imsemmi, huwa wieġeb «*Għax huma preskritti*». Mistoqsi mbagħad jekk jaqbilx li kien għad hemm ammonti dovuti b'rabta mal-ftehim li kien ġie ffirmat mir-rikorrenti, huwa wieġeb: «*Nassumi at that time ma nafx bl-amment*».

28. L-artikolu 2109 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:

> (1) Ir-rinunzja għall-preskrizzjoni tista' tkun espressa jew taċita.
> (2) Ir-rinunzja taċita tiġi minn fatt li jissoponi l-abbandun tal-jedd akkwistat.

29. Dwar il-materja ta' rinunzja għall-preskrizzjoni dekorsa, id-dottrina legali dejjem żammet illi «*La legge non ha accennato al giudice dei mezzi artificiali onde formasse la propria convinzione; essa si fida alla sua prudenza, alla sua giustizia, al suo buon senso; essa non gli dà che un consiglio, di non ammettere cioè come rinuncia, se non ciò che fa supporre necessariamente un abbandono del diritto acquistato; ma in definitiva la sua coscienza ed il criterio sono i veri arbitri ... ... Perchè il magistrato sia in stato di decidere, se i fatti che gli sono proposti, hanno un carattere evidente di rinunzia, egli dovrà esaminare accuratamente se non vennero accompagnati da una protesta che li spieghi e li renda incompatibili con qualsivoglia idea di volontaria abdicazione... Se Pietro paga una parte del debito prescritto, egli rinunzia*

[12] Ara fol.122.

*implicitamente ad opporre la prescrizione per il soprappiù; ma se egli dichiara di non riconoscere il debito che per la parte pagata, conserva tutt'i suoi diritti per il rimanente*»[13]. Jgħid ukoll ***Baudry Lacantinerie*** li: «*Il pagamento di un solo acconto implica pure rinuncia alla prescrizione: esso suppone il riconosimento dell'intiero debito. Ma aggiungeremo che il debitore può qui, con riserve, limitare la portata del riconoscimento alla somma pagata, e conservare per il di più il diritto di contestare il credito o d'invocare la precrizione*»[14]. Il-Qorti tqis li dak li qed jingħad fir-rigward ta' ħlas ta' parti mid-debitu jgħodd ugwalment għall-għarfien ta' parti mid-debitu – għarfien li sar mir-rikorrenti permezz tan-nota preżentata fit-12 t'April 2024 li biha ammettiet biss ammonti dovuti għall-perjodi speċifiċi. Il-kittieb ***Pugliese*** kien tal-fehma li:

> La rinuncia tacita, in conformità dei principii generali, deve essere interpretata restrittivamente; ed ammessa solo allora che non sia possibile eliminare la contraddizione tra l'atto eseguito dal prescrivente e la volontà di opporre la prescrizione... Fu pure ritenuto che quando taluno riconosca di dover pagare una parte di un debito divisibile, ma invochi la prescrizione per la rimanente parte, non havvi giuridica incompatibilità fra l'offerta di pagare la prima parte e il diritto d'invocare la prescrizione per l'altra.[15]

30. Jidher li l-pożizzjoni hija l-istess taħt il-ġurisprudenza tagħna.

31. Fid-deċiżjoni ***Alfredo Culusier vs. Spiridione Teuma*** (Appell Inferjuri, 9/12/1922)[16] ġiet miżmuma din l-istess konklużjoni proprju abbażi tat-tagħlim ta' ***Troplong***, fuq espost. Hekk ukoll f'dan is-sens kienet id-deċiżjoni ***Annunziato Camilleri vs. Angelo Borg*** (Prim'Awla, 21/3/1959)[17] u d-deċiżjoni ***Alfred Delia noe vs. Nobbli John, magħruf bħala "Golly" Testaferrata Abela*** (Prim'Awla, 25/4/1964)[18].

32. Il-Qorti tqis li bl-ammissjoni parzjali tal-kreditu reklamat mill-intimata, ir-rikorrenti ma rrinunzjatx għall-preskrizzjoni li laħqet iddekorriet favur tagħha, għaliex mill-atti huwa

---

[13] ***Troplong***, Comentario sulla Prescrizione (Napoli, 1852), §56-57.
[14] Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione, §72.
[15] Della Prescrizione Estintiva, §54.
[16] Kollezz. Vol.XXV.i.1120.
[17] Kollezz. Vol.XLIII.ii.684.
[18] Kollezz. Vol.XLVIII.ii.959.

evidenti li dik l-ammissjoni parzjali saret bil-ħsieb u bl-intenzjoni li l-bilanċ pretiż mill-intimata jibqa' jkun kontestat in bażi għall-preskrizzjoni estintiva. Iċ-ċirkostanzi tal-ammissjoni parzjali, għalhekk, ma jippreżentawx ruħhom bħala tali li jinduċu xi rinunzja taċita dwar il-preskrizzjoni fil-konfront ukoll tal-bilanċ mhux ammess mir-rikorrenti.

33. L-intimata iżda ssostni li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi miċħuda għaliex bit-tweġibiet tiegħu in kontro-eżami, id-direttur tar-rikorrenti ġab fix-xejn dik il-preskrizzjoni.

34. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Amparo Laroco Lopez vs. Mary Martin et*** (11/4/2024):

> Kif rajna, il-preskrizzjoni qasira hija msejsa kemm fuq il-preżunzjoni tal-ħlas, kif ukoll l-ineżistenza tal-obbligazzjoni. B'dan jiġi li l-ġurament deċiżorju, kif kien qabel l-emendi, kien maħsub bħala mezz biex kreditur jopponi l-preskrizzjoni. Bl-emendi tas-sena 2017, l-oneru biex jittieħed il-ġurament waqa' fuq il-konvenut li jeċċepixxi preskrizzjoni qasira. Fil-fatt jidher li dawn l-emendi jirriflettu aktar l-iskop ewlieni tal-preskrizzjonijiet qosra. Dan qiegħed jingħad għaliex ladarba meta tingħata l-preskrizzjoni qasira hemm il-preżunzjoni tal-ħlas jew tal-ineżistenza tiegħu, il-konvenut għandu jsaħħaħ dik l-eċċezzjoni bil-ġurament tiegħu li mhux debitur jew li ma jiftakarx li l-ħaġa ġietx imħallsa.

35. La darba, allura, il-preskrizzjonijiet li għalihom japplika l-artikolu 2160 huma bażati fuq il-preżunzjoni tal-ħlas, x'jiġri meta waqt il-ġurament tal-eċċipjent, jingħad li l-ħlas ma sarx?

36. Fil-fehma tal-Qorti, la darba l-preskrizzjoni eċċepita mir-rikorrenti hija fondata fuq il-preżunzjoni tal-pagament, dik il-preskrizzjoni tisfa nieqsa mill-fondament tagħha kemm-il darba l-preżunzjoni tal-pagament tiġi megħluba mill-eċċipjenti nnifsu. Fil-każ odjern, il-Qorti ma tistax tkompli tippreżumi l-ħlas meta d-direttur tar-rikorrenti stess eskluda l-possibilità ta' dak il-ħlas. Proprju għalhekk l-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili jrid li l-eċċipjent jikkonferma, bil-ġurament tiegħu, li huwa mhux debitur inkella li ma jiftakarx li huwa ħallas. Jekk, min-naħa l-oħra, l-eċċipjent jiftakar li ma ħallasx, il-

preżunzjoni tal-pagament li hija mistennija li tiġi kkonfermata bil-ġurament tal-eċċipjenti tintilef, u hekk ukoll tintilef l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

37. Ġie ritenut fid-deċiżjoni ***Charles Schembri pro et noe vs. Trader Marine Yacht Services Limited et*** (Appell Superjuri, 30/4/2024):

> Ġaladarba d-debitur b'att tiegħu spontanju assuma ċertu sistema ta' difiża, ipoġġi ruħu fi stat li jirrendi inkompatibbli l-pożizzjoni ġuridika tiegħu mal-preżunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma permessa mil-liġi biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni, ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni. Pereżempju, jekk jikkontesta l-pretiż debitu bħala assolutament ineżistenti fil-konfront tal-attur; għaliex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibbli ma' dik tal-eżistenza assoluta tal-kreditu. Jew jekk il-konvenut mhux talli ma jistqarrx li mhuwiex debitur, talli jammetti li ma ħallasx u joffri l-ispjegazzjoni tiegħu għal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raġuni mingħandu dwar dan. Hekk ukoll f'każ meta fejn il-konvenut wara li jixhed li m'għandux jagħti flus lill-attur u lanqas jiftakar li għandu jtih (skont il-formola) ikompli jistqarr li huwa ma ħallasx u joffri l-ispegazzjoni tiegħu għal dan in-nuqqas.

38. Issa fil-kontro-eżami tiegħu, id-direttur tar-rikorrenti stqarr li fiż-żmien in kwistjoni, kien għad hemm ammonti dovuti b'rabta mal-ftehim iffirmat minnu. Huwa minnu li hu kkwalifika din id-dikjarazzjoni bil-frażi «*at the time*», però jibqa' l-fatt li minn din id-dikjarazzjoni jirriżulta li l-ħlas ma sarx. Għalhekk, anki jekk din id-dikjarazzjoni minnha nnifisha ma tammontax għall-għarfien tad-dejn għax ġiet kwalifikata kif premess, tiswa però sabiex iġġib fix-xejn il-preżunzjoni tal-pagament li fuqu hija bbażata l-preskrizzjoni eċċepita.

39. Iżda dan jgħodd biss għall-kreditu pretiż mir-rikorrenti b'rabta mal-ftehim iffirmat, u ċjoè dak naxxenti mill-kont numru 101000066701. Dwar il-kreditu naxxenti mill-kont l-ieħor, ma kien ġie ffirmat ebda ftehim u għalhekk dak li xehed in kontro-eżami d-direttur tar-rikorrenti ma japplikax. Fil-każ tal-kont l-ieħor, il-preżunzjoni tal-pagament ma ġietx imxejna, u baqgħet tgħodd.

40. Għalhekk il-Qorti sejra tilqa' t-talba tar-rikorrenti abbażi tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili biss fir-rigward tal-ammont ta' €6,785.18, filwaqt li l-ammont ta' €1,315.71 dovut b'rabta mal-kont numru 101000054075, u ammess mir-rikorrenti bin-nota tat-12 t'April 2024, jibqa' dovut.

41. Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq spjegati l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi t-talba tar-rikorrenti kif magħmula permezz tar-rikors tal-21 ta' Novembru 2018 billi:

(i) tiċħad il-kawżali tal-irritwalità u tan-nullità tal-ittra uffiċċjali bin-numru 1605/2017;

(ii) tilqa' l-kawżali tal-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili biss fir-rigward tal-ammont ta' sitt elef seba' mija u ħamsa u tmenin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€6,785.18);

(iii) tiddikjara l-pretensjoni tal-intimata dedotta permezz tal-ittra uffiċċjali bin-numru 1605/2017 infondata in kwantu għall-ammont ta' sitt elef seba' mija u ħamsa u tmenin Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€6,785.18) iżda fondata in kwantu għall-ammont ta' sittax-il elf sitt mija u għaxar Ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€16,610.37);

(iv) tordna li l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jinqasmu in kwantu għal kwart ($^1/_4$) ikunu sopportabbli mill-intimata, filwaqt li r-rimanenti tliet kwarti ($^3/_4$) jkunu sopportabbli mir-rikorrenti.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur